MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 335/2014

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tas-7 ta' Awwissu 2014 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentata fit-13 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha kkontestat it-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi transigew il-pendenzi li kien hemm bejniethom u li l-konvenuta kienet qed tirtira l-kontestazzjoni mressqa fir-risposta.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Gunju 2001, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Reuben Debono fl-14 ta' Lulju 2009;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma baqa' ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------